QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA`LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

Il-Hamis 10 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg– Segretarja Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Centru Civiku Qala
Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

40.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

## 40.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

40.2.1 Ma kien hemm ebda minuti sabiex jigu approvati.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

40.3.1 Is-Sindku semma li huwa gie avvicinat minn persuna li qed isir xi thammil go ghalqa privata qrib il-*ground* tal-*football* tal-Qala u li sabiex ghaddew l-ingenji giet maqluha xi kurduna tal-Gnien tar-Rikreazzjoni u giet mormija fejn sar it-tahmil mill-Qala Saints Football Club. Is-Sindku semma li jaf minn hu l-kuntrattur. Gie deciz li ghandha tintbghat ittra lil minn ghamel dan sabiex din il-kurduna tittranga u jekk ma jaghtix kaz ghandu jsir rapport lill-pulizija.

40.3.2 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg il-gazzetta Lehen il-Kunsill u talab lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-artikli taghhom.

40.3.3 Is-Sindku semma li s-Surmast tal-iskola Primarja accetta li l-Kunsill juza kamra bhala *store* li tinsab taht l-iskola u li ma tintuzax mill-istess skola. Huwa semma li f'din il-kamra kien hemm xi *seating* ghal *spectators stand* li kienu ngabu b'xejn mill-Kunsill xi snin ilu. Gie deciz li jigu kkuntatjati tal-Qala Saints Football Club dwar jekk iridux dawn is-siggijiet.

40.3.4 Is-Sindku semma li hemm bzonn li jinbidlu l-*bins* li jinsabu fi Gnien tal-Belvedere peress li dawk li hemm issaddu. Gie diskuss li peress li dawn kienu saru minn fondi mill-Unjoni Ewropea, ghandhom jigu kkunsultati tal-*Paying Agency* dwar x'inhi l-procedura sabiex dawn jinbidlu ghall-ohrajn godda.

40.3.5 Is-Sindku semma li huwa talab stima minghand DCapitals Band sabiex jaghtu l-*performance* taghhom waqt il-*Qala International Folk Festival* 2019. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

40.3.6 Is-Sindku ressaq talba sabiex isiru *double yellow lines* fil-bidu ta' *side street* li hemm fi Triq Cini. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

40.3.7 Il-Kunsill ircieva kopja ta' ittra li l-Avukat Stefano Filletti, l-Avukat Melanie Sammut u PL fil-Prim Awla tal-Qorti Civili bghatu lill Euch Zammit Company Limited dwar Ittra Ufficcjali Risponsiva tal-Awtorita' tal-Artijiet dwar l-art li fiha hemm il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Il-Kunsill iddecida li tigi kkuntatjatha l-Avukata tal-Kunsill sabiex jikkonsulta maghha dwar kif tista` jsir talba lil President sabiex din l-art tigi esproprijata.

40.3.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/02680/08 fejn il-Kunsill talab sabiex isir laqgha urgenti mieghu jew mal-*case officers* sabiex tigi diskussa din l-applikazzjoni.

40.3.9 Saret ittra ta' referenza ghar-Radju Lehen il-Qala.

40.3.10 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Mario Fava President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn gie informat li l-Kunsill Lokali Qala iddecida li ma jkunx parti mill-ftiehem tal-Haddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF) u li minkejja dan il-Kunsill xorta wahda ser jibqa` joffri lil haddiema dak li diga` qed joffrilhom bhal assigurazzjoni tal-*health and accident*, *health and safety equipment* kif ukoll jibqa jhallas il-haddiema l-*overtime*. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-President Mario Fava bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

40.3.11 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill. Dan ghas-sena finanzjarja 2018.

40.3.12 Giet trattati din il-korrispondenza:

40.3.13 Ittra mibghuta minn Esther Bajada Direttur *Tourism and Economic Development Directorate* fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex dwar Skema ta' Ghajnuna ghall-attivitajiet Kulturali. Is-Segretarja semmiet li ppreparat u bghatet l-applikazzjonijiet ghal fondi ghall-attivita` tal-Karnival 2019, ghal *Qala International Folk Festival* 2019, ghal Gieh il-Qala 2019 u ghas-serata tal-tfal tal-Milied 2019.

40.3.14 Ittra mibghuta minn Vicky Xuereb Direttur tal-*EcoGozo Regional Development Directorate* fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex dwar skemi ghall-Kunsilli Lokali. Is-Segretarja semmiet li ppreparat u bghatet applikazzjoni sabiex tigi restawratha l-istatwa ta' San Guzepp li hemm fi Pjazza Repubblika.

40.3.15 Ittra minghand Noel Farrugia minn *Beyond Light Project* VO - 516 *Torball Society of the Blind* dwar il-progett '*Agriculture Beyond Light'*. Is-Sindku semma li saret attivita` il-Kunsill f'Dicembru 2018, dwar il-pjanta tal-Hlewa Stevia.

40.3.16 Giet trattata stima minghand Joseph Michael Cefai ghal *Diamond Core Drilling* fi Gnien ta' rikreazzjoni sabiex tigi rrangata l-*gazebo*. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

40.3.17 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-17 ta' Novembru 2018 sal-10 ta' Jannar 2019 minn referenza numru 202/18 sa referenza numru 222/18 u minn referenza numru 1/19 sa referenza numru 2/19 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 91/18 sa referenza numru 96/18 u minn referenza numru 1/19 sa referenza numru 4/19 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 40.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

40.4.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 40.5 Xoghol ta' *surfacing* f'parti minn Triq ta' Kassja.

40.5.1 Is-Sindku semma li x-xoghol fuq is-*surfacing* f'parti minn Triq ta' Kassja huwa kwazi lest. Gew trattati zewg stima li bghat Mario Gatt Direttur ta' Gatt Group of Companies. Stima dwar *concrete mesh* u *spactions for house drainage services in walkways*. Ta' din kienet ghaddiet *email* bejn il-membri kollha tal-Kunsill. L-istima l-ohra dwar illevellar ta' *kerbs*.

40.6 Approvata l-applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea ghall-laqghat internazzjonali.

40.6.1 Ghal din il-parti tal-laqgha s-Sindku stedien lis-Sur Paul Fenech u lis-Sur Josef Farrugia. Is-Sur Paul Fenech ta spejgazzjoni dwar il-fondi li ser jinghataw lill-Kunsill mill-Unjoni Ewropea. Huwa semma li l-Kunsill ser jinghata xi €148,000 mill-Unjoni Ewropea sabiex ser isiru hames laqghat Internazzjonali ghall-lokalita` tal-Qala, barra minn Malta izda l-ewwel laqgha ser tkun il-Qala stess. Huwa semma li l-Kunsill ser jinghata xi €30,000 filwaqt li l-fondi l-ohra ser jigu mqassma lill-*partners* (pajjizi barranin). Giet mqassma xi informazzjoni lill-Kunsillieri u s-Sur Fenech ta spejgazzjoni tieghu. Huwa semma li huwa flimkien ma Josef Farrugia u l-agenzija Taljana (l-agenzija li hadet hsieb l-applikazzjoni) ser jiehdu hsieb dan il-progett. Is-Segretarja Ezekuttiva gibdet l-attenzjoni li kollox irid isir bil-*Public Procurement*. Is-Sur Fenech qal li hekk ser isir. Huwa qal ukoll li jekk jibqa` l-fondi zejda jistghu jintuzaw mill-Kunsill ghal xiex irrid. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ahjar naraw ftit dwar dan il-punt ta' fondi zejda, dwar jistghux jintuzaw ghall-ghanijiet ohra. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma l-esperjenza li huwa kellu meta huwa kien Sindku fejn l-Kunsill kien nghata xi fondi mill-Unjoni Ewropea ghall-gemellagg ma Salina. Huwa semma li kien gie intervistat minn jurnalist, fejn huwa kien semma li b'dan il-gemellagg il-Kunsill jista` jiggwadanja peress li jista` jkun hemm il-possibilita` li jitqabbdu professjonisti minn Salina sabiex jghinu fir-restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Wara kien deher artiklu fuq il-gazzetta fejn kien hemm misinterpretazzjoni fejn gie miktub li l-Kunsill ser juza l-fondi tal-gemellagg sabiex jirrestawra l-Fortizza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa kien gie kkuntatjat mill-Unjoni Ewropea fejn gie informat li dan ma jistax isir u ghalhekk huwa kellu ccempel lil jurnalist li gab l-artiklu sabiex dan jaghmel korrezzjoni fuq l-artiklu u wara dan l-artiklu ntbghat lill-Unjoni Ewropea. Is-Segretarja staqsiet dwar jekk hemmx *line items* fl-applikazzjoni ghax b'hekk wiehed ikun jaf ghalxiex ghandhom jintefqu l-fondi, hija staqsiet dan peress li l-Kunsill m'ghandux kopja tal-applikazzjoni. Is-Sur Fenech qal li ser jiccekkja dwar x'jigri f'kas li jibqghu fondi zejda.

40.6.2 Il-Vici Sindku Jesmond Borg staqsa dwar x'jigri f'kaz li xi rcevuti tal-*partners* ma jkunux eligibli. Ta' minn tkun ir-responsabilita` tal-Kunsill peress li huwa l-*lead partner* jew tal-*partners*? Huwa semma l-kaz ta' meta l-*Institute of Tourism Studies* kellu progett tal-Unjoni Ewropea fejn wehel €10,000 peress li l-*lecturers* li ghamlu s-*seminars* suppost kellhom il-kwalifiki u dawn ma kellhomx. Is-Sur Fenech qal li ser jiccekkja fuq dan.

40.6.3 Is-Segretarja Ezekuttiva staqsiet dwar jekk il-fondi li ser jinghata l-Kunsill humiex ser jiddahhlu kollha fil-kont bankarju tal-Kunsill jew hux it-€30,000 biss. U staqsiet li jekk kollha, mela jrid isir transferiment tal-fondi lill-*partners*? Is-Sur Paul Fenech qal l-Kunsill ser jircievi l-fondi kollha u wara jsiru t-trasferimenti lill-*partners.* Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jekk hekk f'dan il-kaz irid ikun hemm kontroll tajjeb tal-fondi. Is-Segretarja semmiet mela li l-ahjar isir kont bankarju separat. Is-Sur Fenech wiegeb li ahjar. Is-Segretarja semmiet li s-servizzi tal-Agenzija Taljana riedet isir bil-*public procurement* biex kollox ikun kif suppost. Is-Sur Paul Fenech qal li ser jiccekkja fuq dan ukoll. Huwa semma li ha nota tal-*queries* kollha tal-Kunsill sabiex jiccekkja fuqhom u jinforma lill-Kunsill.

40.6.4 Is-Sur Josef Farrugia ta spejgazzjoni tal-programm tal-konferenza internazzjonali li ser isir gewwa l-lokalita` tal-Qala f'Mejju li gej. Wara dan Paul Fenech u Josef Farrugia bdew isemmu li gew ippreparati xi kuntratti tas-servizzi taghhom izda ma gabux kopja taghhom. X'hin dawn telqu, s-Segretarja semmiet li ma jistghux jigu iffirmati kuntratti ta' dan it-tip peress li ghas-servizzi l-Kunsill irid johrog *Public Call*. Il-Vici Sindku semma li l-ewwel ghandhom jigu ccarrati il-*queries* kollha li kellu l-Kunsill imbaghad il-Kunsill ghandu jara minn hemm.

## 40.7 Karnival 2019.

40.7.1 Gie diskuss li l-Karnival fil-lokalita` tal-Qala ser isir il-Gimgha tal-Karnival jigifieri l-1 ta' Marzu 2019. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li qed tiehu hsieb tipprepara l-programm u li s-issa huma kkonfirmati danza hiliarious ta' San Lawrenz, *danza* minn *3Rio Carnival Dance company* ta' Christian Sacco, danza minn *Brukafen Carnival Troupe* ta' VickyAnne Xuereb u danza mill-*Leone Philharmonic Society* kif ukoll ser jingab il-Karru tar-Re tal-Karnival minn din l-istess socjeta`. Ser isir il-kukkanja u ser jiehu hsiebha l-Kunsillier Sammy Curmi. Is-Sindku semma li l-ghotjiet tar-rebbieha tal-ewwel u tat-tieni tal-Karrijiet il-Kbar ghandhom jinbidlu ghall-ewwel premju €300 u t-tieni premju €200. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 40.8 Laqgha tal-lokalita`.

40.8.1 Is-Segretarja semmiet li skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali trid isir Laqgha tal-lokalita`. Il-Kunsilli iddecida li jsir xi darba nhar ta' Gimgha fi Frar.

## 40.9 CCTV's fi Triq il-Wileg.

40.9.1 Is-Sindku semma li ngabru zewg stimi wahda minghand il-Melita u l-ohra minghand il-GO sabiex jigi installat *internet* ghas-CCTV *cameras* li ser jigu installati fi Triq il-Wileg Il-Kunsill iddecida li jaghzel lil tal-GO. Il-Kunsill ircieva kuntratt minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex ihallas €90.00 kull xahar bil-quddiem ghall-uzu tal-arblu tad-dawl taghhom peress li ser jigu installati s-CCTV *cameras* fuq l-arblu. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 40.10 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

40.10.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-pagamenti bir-referenzi numri SP 7/2018 u SP 8/2018. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 40.11 Mozzjonijiet.

40.11.1 Ma tressqu ebda mozzjonijiet.

## 40.12 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

40.12.1 Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2019 fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |